# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-13 TA' LULJU, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 10**

**Rik. nru. 896/2022 RGM**

**Rikors ta' Citadel Insurance plc**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv nru 1225/22**
**Fl-ismijiet:**

**Stephen Galli**
**v.**
**Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti;**

*Dan huwa digriet finali dwar talba ta' Citadel Insurance plc magħmula ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet jekk tħallasx dak kollu ordnat fis-sentenza.*

**Daħla**.

1. B'rikors ippreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2022 **Citadel Insurance plc (Citadel)** talbet lill-Qorti tħassar u tirrevoka il-**mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1225/22 fl-ismijiet 'Stephen Galli v. Citadel Insurance plc'** maħruġ fuq talba ta' **Stephen Galli (Galli)** għas-somma komplessiva ta' €3,338.67 wara li ppremettiet illi l-ammont mitlub fil-mandat diġa tħallas fl-intier tiegħu; illi ma hemm l-ebda ammonti li jridu jitħallsu lill-kreditur naxxenti mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Diċembru, 2019 fl-ismiijiet *"Stephen Galli v. Nathalie Barbara u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 l-isem ġie korrett għal Nathalie Balzan u Citadel Insurance plc.";* illi fis-16 ta' Jannar, 2020 Stephen Galli ingħata żewġ cheques wieħed fl-ammont ta' €1,902.24 rappreżentanti l-ispejjeż legali marbuta mal-kawża imsemmija u ieħor fl-ammont ta' €20,289.46 rappreżentanti s-sorte skond is-sentenza imsemmija;

2. B'risposta tal-11 ta' Novembru, 2022 l-intimat Stephen Galli laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li jopponi li l-mandat eżekuttiv jiġi revokat għaliex sostna illi jonqsu jitħallas spejjes tal-kawża.

3. Semgħat il-provi.

4. Rat li r-rikors tħalla għallum għad-deċiżżjoni.

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti.**

5. Fil-21 ta' Marzu, 2017 Stephen Galli istitwixxa kawża kontra Nathalie Barbara u kontra Citadel Insurance plc jirreklama danni li sofra f'inċident stradali. Citadel Insurance plc ġiet notifikata fl-4 ta' April, 2017 u ppreżentat risposta ġuramentata fil-21 ta' April, 2017.

6. Sussegwentement l-attur irrealizza illi kien indika b'mod żbaljat isem il-konvenuta peress li l-persuna involuta fl-inċident kien kunjomha Balzan u mhux Barbara kif indikat fir-rikors ġuramentat. Għalhekk fit-3 ta' Novembru, 2017 Galli talab korrezzjoni. B'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba u ordnat li kunjom il-konvenuta jiġi korrett minn Barbara għal Balzan u l-kawża tħalliet għan-notifika tal-konvenuta Nathalie Balzan. Nathalie Balzan ġiet finalment notifikata fil-5 ta' Marzu, 2018.[1]

7. Fis-6 ta' Marzu, 2018 l-attur ippreżenta nota fir-reġistru[2] li permezz tagħha ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Nathalie Balzan u żammha ferma fil-konfront tal-kumpanija assikuratriċi.

8. Fl-istess jum tas-6 ta' Marzu, 2018, probabilment f'xi ħin wara, il-konvenuta ippreżentat risposta ġuramentata iffirmata mill-avukat li wkoll kien qed jippatroċinja lil Citadel Insurance plc. [3]

9. B'sentenza tas-16 ta' Diċembru, 2019 fl-ismiijiet *"Stephen Galli v. Nathalie Barbara u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 l-isem ġie korrett għal Nathalie Balzan u Citadel Insurance plc." (Rikors Maħluf nru 252/2017LM);* din il-Qorti diversament presjeduta, wara li ħadet in konsiderazzjoni li l-attur kien ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Nathalie Balzan, iddeċidiet illi Citadel Insurance plc, bħala l-kumpanija assiguratriċi tal-konvenuta

[1] Ara a tergo ta' fol 38 tal-process Rik Gur 252/2017LM - Cash no. 544
[2] Fol. 37 tal-process Rik Gur 252/2017LM - Cash no. 546

Nathalie Balzan, għandha tassumi r-responsabbilita' għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-26 ta' Awissu, 2011 ġewwa Ħal Lija u kkundannat lil Citadel Insurance plc tħallas lil Stephen Galli d-danni li ġew likwidati fis-somma ta' €22,244.41 bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. Dwar il-kap tal-ispejjeż il-Qorti iddeċidiet illi sest (1/6) kellhom jitħallsu minn Stephen Galli filwaqt li ħamsa minn sitta (5/6) kellhom jitħallsu minn Citadel Insurance plc.

10. Wara dik is-sentenza Citadel Insurance effettwat il-pagamenti segwenti Galli:

Sorte : €22,244.40

Imgħax : €148.30 mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagment ie. 16/01/2020

Spejjeż : €1,902.24 pagabbli lill-Avukat Martin Fenech.

**11. Id-disgwid bejn Galli u Citadel jirrigwarda mhux daqstant l-ispejjeż tal-kawża daqskemm l-ispejjeż tal-konvenuta Nathalie Balzan li fil-konfront tagħha l-attur ċeda l-kawża.**

12. L-ispejjez ta' Galli ammontaw għal €1,902.24 filwaqt li ta' Citadel ammontaw għal €1,632.60

13. Citadel issostni illi una volta Stephen Galli ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenuta Balzan, u l-ispejjeż ta' Balzan ħarġithom l-assikurazzjoni, allura dawn għandhom jitnaqqsu mill-ammont li Citadel għandha tħallas lil Galli. L-Avukat Jonathan Gatt, konsulent legali ta' Citadel, xhed illi

"L-ispejjeż ta' Nathalie Balzan[4] għandhom ukoll jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attur peress li hu għażel illi jwaqqa' l-proċeduri fil-konfront tagħha qabel ma ngħatat is-sentenza u ghalhekk m'hemm l-ebda sentenza li tghid li l-attur Galli hu intitolat ghal xi rimbors ghall-ispejjez ta' Nathalie Balzan. Għalhekk għandhom jitnaqqsu wkoll €1,514.11 rappreżentanti spejjez ta' Natlie Balzan li kienu tħallsu minn Citadel u li għalhekk kellhom jiġu pacuti in parte ma' dak li l-attur kellu jieħu mingħand Citadel.

Għalhekk Citadel ħallset lil Stephen Galli s-segwenti: €22,244.41 (sorte) + €148.30 (interessi) nieqes €589.14 (spejjeż dovuti minn Galli skond is-sentenza) nieqes €1,514.11 (spejjeż ta' Balzan) = €20,289.46

Għaldaqstant inħareġ cekk …. Pagabbli lil Stephen Galli fl-ammont ta' €20,289.46

Inħareġ ċekk ieħor … pagabbli lil Dr Martin Fenech fl-ammont ta' €1,902.24

Dawn iż-żewġ cheques ġew imsarrfa t-tnejn li huma fid-19 ta' Jannar, 2020

14. Galli oġġezzjona li Citadel naqset mill-ammont lilu dovut l-ispejjeż fir-rigward tal-konvenuta Balzan. Fid-19 ta' Settembru, 2022 huwa talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1225/22 kontra Citadel Insurance plc mertu tal-kawża odjerna għas-segwenti: "€1,954.95 sorte; €148.30 imgħax mid-

[4] €1,300.99 + €213.12 (VAT) = €1,514.11

data tas-sentenza tas-17 ta' Jannar 2020 , datat ta' pagament parzjali tas-sorte kif ukoll imgħax ta' €417.05 fuq il-bilanc tas-sorte minn 17 ta' Jannar 2020 sallum…… €1.048.45 spejjez skond taqxxa annessa li jinkludi VAT fuq id-drittijiet kif ukoll €186.97 spejjez ta' dan il-mandat li jinkludi VAT skond taxxa annessa, b'kollox €3,338.67"

**Konsiderazzjonijiet.**

15. Mandat eżekuttiv jista' jiġi revokat in toto jew in parte jekk jintwera li hemm raġuni valida skond il-liġi **(Art. 281, Kap. 12)**.

16. Citadel qed tikkontendi illi l-mandat eżekuttiv imsemmi għandu jitneħħa għaliex issostni li kull ammont minnha dovut lil Galli jinsab saldat bil-mod kif aktar qabel spjegat.

17. Fil-fehma tal-Qorti Citadel ma għandiex raġun għall-kollox f'dak li qed issostni.

18. Ma jirriżultax li Citadel għandha l-jedd li tpaċi ammont pretiż minn Balzan kontra Galli ma' ammont li Citadel għandha tagħti lil Galli, u dan għar-raġunijiet segwenti:

- Jidher li r-risposta maħlufa tal-konvenuta Balzan ġiet intavolata wara li l-attur ippreżenta nota ta' ċessjoni fil-konfront tagħha. Huwa minnu illi iż-żewġ atti ġew ippreżentati fl-istess jum u allura wieħed jippreżumi illi l-konvenuta Nathalie Balzan ma kenitx taf meta ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha illi l-kawża fil-konfront tagħha kienet ġiet ċeduta. Jibqa' l-fatt pero' li kawża fil-konfront tagħha kienet ġiet ċeduta u għalhekk strettament ir-risposta maħlufa tagħha hija irritwali.

- Għal raġunijiet li ma jirriżultawx mill-proċess; nonostante li l-kawża fil-konfront tagħha ġiet ċeduta, Balzan kompliet tippreżenta atti fil-kawża donnu l-azzjoni fil-konfront tagħha ma ġietx ċeduta.[5]

- Citadel Insurance plc qed tassumi li għandha kreditu ċert, likwidu u dovut kontra Stephen Galli fir-rigward tal-ispejjeż li hi tgħid li ħarġet fir-rigward tar-risposta maħlufa ta' Nathalie Balzan u li allura tippretendi li għandha dritt li tapplika t-tpaċija bis-saħħa tal-**artikolu 1197 tal-Kodiċi Ċivili**[6]. Tali pretensjoni ma hiex sorretta mill-provi li jinsabu fl-atti la tal-kawża odjerna u lanqas fl-atti tal-kawża nru. 252/17LM. Kif rajna, għalkemm ma jidhirx li kienet konsapevoli Balzan, ir-risposta ġuramentata tagħha ġiet ippreżentata wara li l-attur kien ċeda l-atti fil-konfront tagħha u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa tagħha. *Dato ma non concesso* li r-risposta maħlufa ta' Balzan ġiet ippreżentata validament, jirriżulta illi meta saret it-taxxa tal-ispejjeż ir-Reġistratur ma ħax qies li l-atti fil-konfront tagħha ġew ċeduti u ma għamel l-ebda tnaqqis sabiex jirrifletti tali "ċessjoni".

- Ma jirriżultax illi Nathalie Balzan ippreżentat ittra uffiċjali kontra Stephen Galli ai termini tal-**Artikolu 253 (ċ) tal-Kap.**

---

[5] Ara Nota ta' Nathalie Balzan et. tal-10 ta' Diċembru, 2018 li permezz tagħha l-konvenuti ppreżentaw affidavit tal-istess Nathalie Balzan (fol. 135); Nota tal-Nathalie Balzan et. tad-19 ta' Diċembru, 2018 li permezz tagħha l-konvenuti irriżervaw id-dritt li jitolbu l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali (fol. 138); Nota tal-konvenuti b'domandi in eskussjoni lill-espert mediku ppreżentata fit-18 ta' Marzu, 2019; (fol. 166)

[6] **Art.1197 Kap. 16** - (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.

**12**[7] sabiex tirrendi t-taxxa tal-ispejjeż tagħha titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Galli.

- In-nota ta' ċessjoni ppreżentata mill-attur fil-konfront tal-konvenuta Nathalie Balzan ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 2018[8] lanqas biss hi msemmija fit-taxxa tal-ispejjeż.

**19. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti għandu raġun Galli jikkontendi illi Citadel ma kelliex dritt tnaqqas mill-ammont lilu dovut is-somma ta' €1,514.11, rappreżentanti l-ispejjeż li skond it-taxxa huma tal-konvenuta Balzan u mhux ta' Citadel Insurance plc.**

20. Meta r-Reġistratur tal-Qorti ħareġ it-taxxa relativa għall-ispejjeż tal-kawża numru 252/17LM, fiha nsibu tlett kolonni; l-ewwel waħda bl-ispejjez tal-attur Stephen Galli, it-tieni kolonna bl-ispejjeż ta' Citadel Insurance u t-tielet kolonna bl-ispejjez ta' Nathalie Balzan.

**21. Il-Qorti tqis Citadel għadha ma ssaldatx dak kollu minnha dovut lil Galli skond is-sentenza tas-16 ta' Diċembru, 2019.**

**22. Fl-istess ħin pero' ma tqisx illi l-ammont bilanċjali dovut huwa ta' €3,338.67 imma ta' €1,514.11 oltre €186.97 spejjez + VAT tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru. 1225/22.**

---

[7] **Art. 253 (ċ) Kap. 12** - Huma Titolu Eżekuttivi : (ċ) taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti,jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi; **Art. 256 Kap. 12** - 2) L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv ieħor ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.

[8] Fol. 37 tal-proċess 252/2017LM

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċedi r-rikors ta' Citadel Insurance plc tat-3 ta' Ottubru, 2022 billi tilqgħu parzjalment u tirriduċi l-ammont fis-sekwestru eżekuttiv numru 1225/22 għall-ammont ta' €1,701.08

Peress illi l-ammont indikat minn Galli fis-sekwestru eżekuttiv irriżulta li mhux kollu dovut;  il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Digriet finali moqri waqt is-seduta tallum, it-13 ta' Lulju, 2023**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

13 ta' Lulju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**